MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 237/2005

**Carmelo sive Charles Azzopardi u Anthony Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem Azzopardi Fisheries**

**vs**

**Eligio Zerafa**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, tmien mija u sebgha u tletin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM4,837.80,0), rapprezentanti flus lilu mislufa biex irranga l-bastiment u lixka;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata l-24 ta' Jannar tas-sena 2005 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta' Gunju tas-sena 20053 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------